# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU 2775

Każ Nru 3802/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Mariella Mallia (KI 18488 M)

u

Elmein Limited (C 17341)

Data: 3 ta' Novembru 2021

*dwar: tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-Każ ġie ntavolat mill-Avv. Fransina Abela f'isem Ms.Mariella Mallia fit-12 ta' Novembru, 2019 fejn din kienet irriżenjat mill-impieg tagħha minn mas-Soċjetà Elmein Limited fis-16 t' Ottubru 2019, minħabba t-trattament li allegatament kienet tirċievi u għalhekk tgħid li t-terminazzjoni tal-impieg tagħha kienet waħda kostruttiva. Is-Soċjetà Intimata Elmein Limited li kienet rappreżentata mis-Sur Josef Muscat assistit mill-Avv. Kathleen Mizzi, tinnega dan.

Inżammu disa' seduti. Ai termini ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap. 452 irid jingħad li minħabba fin-numru tas-seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstema' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

Ir-Rikorrenti tallega li l-kundizzjonijiet li fihom kienet qed taħdem, speċjalment l-attitudini u l-komportament ta' impjegati sħaba kien tali, li kellha bilfors tibgħat ir-riżenja tagħha. Is-Soċjetà Intimata tiċħad dan kollu, tgħid li r-Rikorrenti kienet tagħmel żbalji f'xogħola. Tgħid li dejjem stmat l-impjegati tajjeb u saħansitra kienet ikkumissjonat *Risk Assessment Report* propju minħabba t-tqala tar-Rikorrenti (Dok JM10 esibit mad-Dikjarazzjoni tal-Każ tas-Soċjetà Intimata). It-Tribunal eżamina bir-reqqa x-xhieda dettaljata li tat ir-Rikorrenti dwar l-attitudini u l-komportament tal-impjegati sħaba waqt il-ħin tax-xogħol. Irid jingħad biex jiġi evitat kwalsiasi ekwivoku li it-Tribunal ma ġiex mitlub li jiddeċidi dwar fastidju sesswali. Kieku sar dan it-Tribunal kif odjernament presjedut ma kienx ikollu ġjurisdizzjoni f'dan il-każ.

Iżda dak li allegat ir-Rikorrenti ġie kunsidrat biss mill-ottika ta' komportament waqt il-ħin lavorattiv ta' ħaddiem.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Ir-Rikorrenti tirrakkonta storja ta' inċidenti li kienet soġġetta għalihom matul il-perijodu lavorattiv pjuttost qasir tagħha mas-Soċjetà Intimata. It-Tribunal skanta bil-livell elevat ta' tolleranza li r-Rikorrenti kellha. Forsi din it-tolleranza kienet sostnuta minn żewġ fatturi, ma riditx ikollha l-inkwiet mar-raġel u l-impieg li kellha kien komdu għaliha għax ma ssuqx u l-post tax-xogħol kien qrib ħafna tad-dar tagħha. L-inċidenti kienu ta' natura sesswali, sessisti u addirittura b'użu fisiku. Kien jintqalilha kliem volgari, oxxen u anke riferenzi personali. L-inċidenti bdew jiskalaw. Minn kliem l-impjegati irgiel oħra ażżardaw għall-azzjoni. Kien hemm min messilha sidirha mill-inqas darbtejn jekk mhux tlieta (seduta 3 ta' Frar 2021 fol.4 u seduta 9 ta' Ġunju 2021 fol 16-18), jiġbdula ċ-ċinga tal-*bra* (seduta 3 ta' Frar 2021 fol.7), iġieluha toqgħod bil-qiegħda fuq impjegat minnhom (l-istess seduta fol 8-9). L-inċidenti mbagħad jieħdu xeħta differenti u aktar minaċċjanti. It-tipjip li kien hemm f'dan l-ambjent kien ta' theddid għas-saħħa tar-Rikorrenti u l-kreatura li kienet qed iġġor fi ħdanha. Finalment ġara dak li l-ġurisprudenza Ngliża issejjaħ il-*last straw principle* meta l-kuxxin li kien fuq is-siġġu tagħha safa' imxarrab bi fwieħa b'riħa qawwija li affettwatha ħafna fl-istat li kienet u t-tolleranza tagħha finalment ġiet superata. Ħaġa tal-iskantament hija n-nuqqas tagħha li tirrapporta lis-superjuri tagħha x'kien qed jiġri. Hi tgħid li s-superjur immedjat tagħha Martin Vella, Administration Manager, kien ikun preżenti waqt ħafna mill-inċidenti jekk ma kienx ukoll parteċipi fihom. Dan Martin Vella fix-xhieda tiegħu (seduta 9 ta' Diċembru 2020 fol. 12) jammetti li semmilha l-kelma "*boobs*" għad li jgħid li dik kienet l-unika darba li qal kliem doppju sens. Ir-Rikorrenti tgħid li anke Josef Muscat, id-Direttur, "kien inkluż fihom dawn l-affarijiet" (seduta 9 ta' Ġunju 2021 fol.21).

Ħassbet xi ftit it-Tribunal l-ittra ta' riżenja tar-Rikorrenti. Tgħid testwalment lil Josef Muscat "*Working at your office  proved to be an experience for me  for which I thank you*". Din id-diċitura tikkuntrasta ma' dak li allegat bil-ġurament ir-Rikorrenti waqt is-smiegħ tal-każ. Is-Soċjetà Intimata tuża din l-ittra biex tattakka l-kredibilità tar-Rikorrenti. It-Tribunal ma għandhux spjegazzjoni iżda ċertament bl-ebda mod ma jqis li r-Rikorrenti ma kienitx kredibbli u jqis bħala veritier dak li qalet ir-Rikorrenti.

Fil-fehma tat-Tribunal l-aġir xejn korrett u degradanti tal-impjegati w uffiċjali tas-Soċjetà Intimata kontra d-dinjità, il-ġeneru u l-istat ta' gravidanza tar-Rikorrenti spingewha biex titfa r-riżenja tagħha u tirreġistra l-fatt li din kienet tkeċċija sfurzata, kif stqarret "Imbagħad xħin bdejt nara l-atteġġjament  min-naħa tagħhom u jiena wkoll saħħti bdiet sejra lura, ovvjament bdejt nirriskja saħħet it-tarbija wkoll u ma kelliex mod ieħor x'nagħmel, allavolja flus għandi bżonn u mpjieg  imma jiena sforzatament kontra qalbi kelli, kelli nibgħat ir-riżenja" (Seduta 3 ta' Frar 2021 fol.22).

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li r-Rikorrenti Mariella Mallia sofriet tkeċċija sfurzata (*constructive dismissal*) minn mas-Soċjetà Elmein Limited.

**5. Kumpens**

It-Tribunal Industrijali jillikwida l-kumpens dovut lil Mariella Mallia mis-Soċjetà Elmein Limited fl-ammont ta' tnax-il elf ewro (€12,000) li jrid jitħallas sa mhux iktar tard mit-30 ta' Novembru 2021.

**6. Drittijiet**

A tenur tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lill kull min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**Iffirmat: Franco Masini**

**Chairman**

**Vera Kopja**

**Daniela Attard**

**Ghas-Segretarja**